Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,078, 28 ta' Diċembru, 1982
Taqsima B

A.L. 74 ta' l-1982

ATT TA' L-1971 DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITA' (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI)

(ATT NRU. XIII TA' L-1971)

Ordni ta' l-1982 dwar Żebgħa tal-Primatura 'Red Lead' (Order No. M 12 of 1982)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1971 dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali) u skond dak l-artikolu, il-Bord ta' Standards ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1.1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1982 dwar Żebgħa tal-Primatura *Red Lead* u jista' jissejjaħ Ordni Nru. M 12 ta' l-1982. Titolu u bidu fis-seħħ.

1.2. Dan l-ordni għandu jibda jseħħ f'data wara li jgħaddu 20 jum mill-jum li fih jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, liema data għandha tiġi avżata mill-Bord b'avviż fil-Gazzetta.

2.1. Dan l-ordni japplika għal żebgħa tal-primatura *red lead* imħallta u lesta. Għan.

3.1. F'dan l-ordni — Tifsir.

3.1.1. "A.S.T.M." tfisser l-American Society for Testing and Materials;

3.1.2. "B.S." tfisser British Standard tal-British Standards Institution;

3.1.3. "konsistenza" tfisser l-viskosità li tidher ta' żebgħa meta forzi ta' *shearing* ta' gradi differenti tapplikahom fuqha b'diversi metodi, bħal meta tħawwadha fil-landa, tferragħha minn reċipjent għal ieħor, tapplikaha bil-pinzell jew tifrixha b'xi mod ieħor fuq xi wiċċ;

3.1.4. "inxif" tfisser il-proċess ta' tibdil ta' passata żebgħa minn stat likwidu għal dak solidu, ikkaġunat bl-evaporazzjoni tas-solvent, reazzjoni fiżiko-kimika tal-medja li tgħaqqad, jew minħabba taħlita ta' dawn il-kawżi. Stadji diversi li jiġu wara xulxin fl-inxif taż-żebgħa jkunu magħrufa bil-frażijiet ta' kwalifika li ġejjin (bil-ħinijiet korrispondenti):

3.1.4.1. "niexfa fil-wiċċ" — meta ż-żebgħa tkun niexfa fil-wiċċ iżda tkun ratba u twaħħal minn taħt, magħrufa wkoll komunement bħala *sand-dry;*

3.1.4.2. "niexfa iebsa" — meta l-inxif ikun laħaq dak l-istadju li, jekk wieħed irid ikun jista' jagħti, b'mod sodisfaċenti, passata oħra bil-pinzell, jekk ikun hemm bżonn, wara li jillixxaha; din il-frażi tintuża wkoll biex tiddeskrivi ċerti gradi ta' ebusija ta' passata meta teżaminha b'metodi speċifiċi;

3.1.5. "ħin ta' l-inxif" tfisser il-ħin li jgħaddi minn meta tagħti passata żebgħa sakemm din tilħaq stat speċifikat ta' nxif.

Kondizzjoni f'reċipjent.

4.1. Iż-żebgħa f'reċipjenti li jkunu għadhom jinfetħu trid tkun, meta tasal, mingħajr qoxra tal-wiċċ, ma tridx turi sinjali li jkunu f'għamla ta' *jelly*, ta' instabbilità, jew *caking*, u għandha titħallat malajr għal stat homoġeniku.

Komposizzjoni.

5.1. Meta teżaminaha bil-metodu imsemmi fil-paragrafu 13.1 iż-żebgħa jkun fiha mhux inqas minn 63% tal-pigment totali, mhux mhux inqas minn 15% *resin* u mhux iktar minn 22% solvent. Il-pigment għandu jikkonsisti f'mhux inqas minn 55% *red lead* espress bħala Pb_3O_4.

Konsistenza.

6.1. Meta teżaminaha bil-metodu msemmi fil-paragrafu 14.1. iż-żebgħa jrid ikollha konsistenza ta' minn 140-250 grammi *Krebs-Stormer* b'rata ta' shearing ta' 200 revoluzzjoni kull minuta meqjusa f'temperatura ta' 25° ±0.5°C.

Meta tapplika l-pinżell u dehra.

7.1. Iż-żebgħa għandha tkun hekk li tista' tiġi applikati b'faċilità bil-pinzell u l-passata li tirriżulta trid tkun uniformi u ma tkunx ħarxa u mrammla. Il-passata m'għandhiex turi sinjali ta' tiżliġ jew insakkaturi u s-sinjali tal-pinzell iridu jkunu ħfief ħafna.

Ħin ta' nxif.

8.1. Iż-żebgħa trid tkun f'dik il-kondizzjoni li meta teżaminaha bil-metodu msemmi fil-paragrafu 15.1. tkun nixfet fil-wiċċ f'mhux iżjed minn 8 sigħat f'25°C.

8.2. Iż-żebgħa trid tkun f'dik il-kondizzjoni li meta teżaminaha bil-metodu msemmi fil-paragrafu 15.1. tkun nixfet iebsa f'mhux iżjed minn 16-il siegħa f'25°C.

Test għal flessibilità.

9.1. Sebat ijiem wara li tapplikaha, bl-użu ta' "mandrel" ta' dijametru ta' 6.0 mm, iż-żebgħa b'passata friska tal-ħxuna 50um ma għandhiex tinqasam jew tinqala' meta teżaminaha kif deskritt fil-paragrafu 15.1.

Resistenza għar-raxx tal-baħar.

10.1. Meta tiġi eżaminata bil-metodu msemmi fil-paragrafu 15.1. għal 100 siegħa f'25°C ma jkunx hemm bżieżaq, tikmix jew nuqqas ta' adiżjoni tal-lega taż-żebgħa u ma jkunx hemm sadid tal-panew sew li jidher jew taħt il-lega taż-żebgħa.

Reċipjent.

11.1. Ir-reċipjent għandu jkun b'saħħtu biżżejjed li jiflaħ għal użu normali u jrid ikun issiġillat biżżejjed li ma jagħmilx u biex ma jkunx hemm kontaminazzjoni tal-kontenut matul maniġġ u waqt il-ġarr.

Tikketta.

12.1. Kull reċipjent ta' żebgħa tal-primatura *red lead* għandu jkollu tikketta li turi bi stampa ċara u li tinqara tajjeb it-tagħrif li ġej:

12.1.1. l-isem tal-marka jew *trade mark*, jew

12.1.2. l-isem u l-indirizz tal-manifattur;

12.1.3. meta l-isem tal-marka ma jitniżżilx f'lista miżmuma mid-Direttur ta' l-Industrja lanqas it-*trade mark* ma tkun reġistrata mal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrjali, l-isem u l-indirizz tal-manifattur fuq it-tikketta jkun obbligatorju;

12.1.4. il-kontenut nett f'volum metriku;

12.1.5. l-avviżi, jew il-pariri u d-direzzjonijiet dwar kif għandu jkun l-użu.

13.1. Il-kompożizzjoni għandha tkun stabbilita kif ġej:

13.1.1. *Kontenut ta' pigment* — Iżen madwar 5 g f'tubu miżun tas-*centrifuge*. Żid 25 ml ta' spirtu tal-pitrolju (li jagħli bejn l-40-60°C) u ħallat sewwa bi stikka tal-ħġieġ. *Centrifuge* u ferragħ *s-solvent* f'reċipjent miżun. Irrepeti l-operazzjoni darbtejn oħra u kull darba ferragħ s-solvent fir-reċipjent fit-termos. Irriżerva ir-reċipjent sabiex jiġi stabbilit il-kontenut tar-resin. Nixxef it-tubu ta' *centrifuge* f'forn bejn 105°-110°C. Kessaħ u iżen bħala pigment totali. Irriżerva l-pigment sabiex jiġi stabbilit l-kontenut taċ-ċomb.

13.1.2. *Kontenut ta' resin* — Evapora s-solvent miksub meta jkun ġie stabbilit il-kontenut tal-pigment fuq banjumarija. Nixxef f'forn 105°-110°C. Kessaħ u iżen ir-resin.

13.1.3. *Kontenut ta' solvent* — Iżen minn 3 sa 5 g ta' kampjun f'dixx ċatt miżun. Saħħan għal siegħa f'105° sa 110°C, kessaħ u iżen. Irrapporta t-telf fil-piż bħala kontenut ta' solvent.

13.1.4. *Kontenut ta' ċomb tal-pigment* — Il-pigment (estratt bħala fit-13.1.1.) għandu jiġi ttestjat għal kontenut taċ-ċomb bil-metodu deskritt fl-aħħar edizzjoni tal-B.S. 217: Appendiċi A.

14.1. Il-konsistenza tkun determinata bil-metodu deskritt fl-Ispeċifikazzjoni D562-55 tal-A.S.T.M.

15.1. Iż-żmien ta' l-inxif fil-wiċċ, iż-żmien li fiha tinxef iebsa, it-test għall-flessibiltà u r-resistenza għar-raxx tal-baħar għandhom jiġu stabbiliti bil-metodu deskritt fil-B.S. 3900.